

IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 29 - **FRAR 2015**

# editorjal

Kont qed naqra f'waħda mir-rivista li jippubblikaw il-Kunsilli Lokali li l-popolazzjoni skolastika fl-iskola tal-Primarja ta' San Pawl il-Baħar waslet biex tlaħħaq mal-elf student u fiha hemm mal-35 lingwa differenti! Illum nafu li l-popolazzjoni Maltija saret varjata ħafna: insibu barranin mill-ħames kontinenti, familji mħallta u persuni ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu f'diversi oqsma. Huwa bżonn li nsiru nafu iktar lil xulxin billi b'xi mod jew ieħor noqorbu iktar lejn xulxin. Wieħed mill-modi kif nagħmlu dan huwa permezz tal-letteratura u tat-tagħlim tal-ilsna. Fl-iskejjel, illum iktar mill-bieraħ, hemm il-bżonn ta' suġġetti bħalma huma l-ilsna u l-letteratura dinjija. Idea tajba tkun dik li matul il-ġimgħa tal-iskola jiddaħħlu spazji fejn l-istudenti ta' nazzjonalitajiet differenti li jiffrekwentaw l-istess skola u anki l-istess klassi jingħataw il-ħin jesponu lil ta' madwarhom l-ilsien tagħhom u anki kitbiet interessanti mil-letteratura ta' pajjiżhom. Aħna, min-naħa tagħna għandna nagħmlu l-istess b'ilsienna u bil-letteratura tagħna. Hekk inkunu qed niffamiljarizzaw ruħna ma' ta' madwarna u ngħinu lil min ġie mill-bogħod u mill-qrib isir jafna aħjar. Anki dan jagħmel parti mill-politika tal-inklużjoni; anzi prattika bħal din tgħin biex jitwarrbu ċerti preġudizzji u jitnissel aktar għarfien u tolleranza diġà minn fost il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar.

Kien avveniment sabiħ u wisq mistenni dak li seħħ fil-21 ta' Jannar fil-Librerija Pubblika ta' Beltissebħ fejn numru ta' awturi tħallsu għall-ewwel darba f'rabta mal-iskema dwar il-jeddijiet tal-awtur fuq self pubbliku ta' kotba (*Public Lending Rights*). Prosit tassew lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u anki lill-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, Evarist Bartolo, għal din l-inizzjattiva li żgur ħolqot tbissima u nisslet sodisfazzjon f'bosta kittieba. Fl-istess ħin din hija sistema li żgur se tħeġġeġ lil iktar kittieba biex jgħaddu kopji tal-pubblikazzjonijiet tagħhom lid-dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi biex ikunu jistgħu jinqraw mill-pubbliku.

F'rabta ma' dan ta' min jikteb dwar ir-relazzjoni kittieb-pubblikatur f'Malta: bosta drabi l-kittieb jinsab fi żvantaġġ ladarba jinħass li huwa l-pubblikatur li qed jagħmel favur lill-kittieb meta jiddeċiedi jippubblikalu manuskritt. F'pajjiżi ċivilizzati u li jemmnu fit-tixrid tal-kultura vera jseħħ il-kuntrarju: il-pubblikatur iħossu onorat li jkun huwa li se jippubblika x-xogħol tal-awtur u mhux viċi-versa. Ta' min ifakkar li l-parti l-kbira tal-kittieba Maltin li jippubblikaw ma' djar tal-pubblikazzjoni lokali jitħallsu biċ-ċejċiet, meta jitħallsu. Dan m'għandux ikun. Mill-ġdid prosit lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għal dan il-pass għaqli li juri rispett lejn il-kittieba lokali.

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

**IL-PROF. OLIVER FRIGGIERI JAGĦTI L-KOTBA TIEGĦU LIL-LIBRERIJA NAZZJONALI**

Il-Prof. Oliver Friggieri, kittieb, poeta u kritiku letterarju, ta għadd ta' kotba minn tiegħu lil-Librerija Nazzjonali. Apparti għadd ta' pubblikazzjonijiet tiegħu stess, il-Prof. Friggieri ta wkoll bħala donazzjoni bosta pubblikazzjonijiet tiegħu li nqallbu f'numru ta' lsna barranin bħat-Taljan, il-Franċiż, l-Ispanjol, il-Grieg u l-Ġermaniż. Għotja bħal din intlaqgħet mil-Librar Nazzjonali u Kap Eżekuttiv tal-Biblijoteka Nazzjonali, is-Sur Oliver Mamo, li rringrazzjal lill-Prof. Friggieri u qal li hu ta' unur li l-Librerija ġiet mogħnija b'iktar pubblikazzjonijiet tal-Prof. Oliver Friggieri.

**IL-KITTIEB JIM CRACE FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

Fil-bidu ta' Diċembru 2014, il-Fakultà tal-Arti organizzat lejla ta' qari u ffirmar ta' kotba min-naħa tal-kittieb mir-Renju Unit, Jim Crace. Dan seħħ fil-Magna Aula tal-Università l-Antika fil-Belt Valletta. Crace qara partijiet mir-rumanzi tiegħu u wieġeb għal għadd ta' mistoqsijiet dwar il-post tal-kitba kreattiva u l-letteratura mistħajla fid-dinja tal-lum. Fost l-iktar rumanzi magħrufin tiegħu nsibu *Continent* (1986), *The Gift of Stories* (1988), *Quarantine* (1997), *Being Dead* (1999), *The Pest-House* (2007) u *Harvest* (2013). L-Università ta' Malta għażlet lil Crace bħala "writer in residence". Huwa qed jgħin biex jitwaqqaf programm dwar il-kitba kreattiva (ara www.themanbookerprize.com/feature/jim-crace-has-fun) u jitnieda ġurnal għall-kitba kreattiva li se jara d-dawl fir-rebbiegħa.

**IL-KITTIEB IMMANUEL MIFSUD JINGĦATA L-MOM**

Fl-okkażjoni ta' Jum Ir-Repubblika 2014, il-kittieb Immanuel Mifsud ingħata l-onorifiċenza bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu mill-Eċċellenza Tagħha il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca. F'artiklu li Mifsud kiteb fil-ġurnal *Illum* fit-28 ta' Diċembru 2014 ikkummenta: "Il-midalja, biex niftiehmu, mhijiex il-milja li wieħed ikun laħaq fil-karriera tiegħu, iżda tfakkira biex wieħed iservi ta' leħen kritiku. Dakinhar li aċċettajt il-ġieħ tar-Repubblika aċċettajt li nkompli, anzi nkattar, fl-esperjenza kritika. Hekk talbet ir-Repubblika, u hekk, nittama, li nkun kapaċi nkompli nagħmel." IL-PONT jawgura aktar ispirazzjoni, kitba, sliem u saħħa lil Immanuel Mifsud.

**IL-KITTIEB CHARLES CASHA JGĦADDI MATERJAL BIJOGRAFIKU LIL-LIBRERIJA TAL-UNIVERSITÀ**

F'Diċembru li għadda l-kittieb Charles Casha għadda xi materjal bijografiku lil-Librerija tal-Università ta' Malta. Il-materjal jiġbor fih siltiet minn gazzetti, korrispondenza, manuskritti, intervisti rrekordjati (televiżivi u radjufoniċi) u materjal ieħor li għandu x'jaqsam mal-kitba tiegħu tul dawn l-aħħar erbgħin sena. Charles Casha appella lill-awturi biex jagħmlu l-istess biex b'hekk isaħħu l-Kollezzjoni Speċjali li hemm fil-librerija.



**Materjal bijografiku li Charles Casha għadda lill-Università ta' Malta.**

**TNEDIJA TA' TAĦŻIŻ 2**

Nhar id-29 ta' Novembru l-Aġenzija Żgħażagħ flimkien mal-Għaqda tal-Malti u Fondazzjoni AWL għalqu l-programm ta' TAĦŻIŻ 2014 u nidew il-pubblikazzjoni TAĦŻIŻ 2. Dakinhar tat-tnedija wieħed seta' jiltaqa' mal-parteċipanti li qraw il-kitbiet tagħhom f'gazzetta; seta' jara wkoll għadd ta' filmati tal-poeżiji. Saret ukoll is-sejħa għal TAĦŻIŻ3 li kienet mifuħa sas-16 ta' Jannar għal żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena. Il-format tal-programm inbidel xi ftit sabiex kien iktar iffukat u addattat għall-esiġenzi tal-kittieba iżda l-qofol tiegħu baqgħu t-tliet seminars residenzjali, b'pubblikazzjoni u ċertifikat li se jingħataw lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla. Taħżiż hu proġett ta' kitba kreattiva tal-Aġenzija Żgħażagħ, b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università u l-Fondazzjoni AWL.

# l-aħbarijiet

## IMUT IL-POETA POLLAKK STANISLAW BARANCZAK

Nhar is-26 ta' Diċembru li għadda, fi Newtonville, Massachusetts, fl-Istati Uniti, miet il-poeta Pollakk Stanislaw Baranczak. Huwa twieled fit-13 ta' Novembru 1946 f'Poznan, fil-Polonja, u kien ukoll kritiku letterarju, editur, traduttur, skular u *lecturer* fl-Università ta' Harvard sa mis-sena 1981, sakemm inħakem minn marda (il-Parkinson's) lejn l-aħħar tas-snin '90 li wasslitu sal-mewt fl-età ta' 68 sena. Baranczak beda jippubblika l-poeżiji tiegħu u saġġi ta' kritika fis-sittinijiet waqt li kien jgħallem fl-Università Adam Mickiewicz minn fejn akkwista *Masters* u Dottorat fil-Filoloija. Wara ġimgħa sħiħa ta' protesti li qallbu lill-Polonja ta' taħt fuq fl-1976 hu kien fost il-fundaturi tal-*Workers' Defense Committee*, organizzazzjoni li pprovdiet għajnuna lill-priġunieri politiċi u ġibdet fuqha r-rabja tal-gvern Pollakk. Minħabba dan huwa ġie arrestat, tkeċċa mill-università fejn kien jgħallem u ma tħalliex jippubblika aktar kitbiet minn tiegħu. Fl-Istati Uniti huwa kiteb bl-Ingliż dwar il-ħajja fl-eżilju u ttraduċa kapulavuri letterarji Pollakki għall-Ingliż u kapulavuri Ingliżi għall-Pollakk. Fost il-pubblikazzjonijiet l-iktar magħrufin tiegħu: *Selected Poems: The Weight of the Body* (1989) u l-ġabra ta' saġġi *Breathing Under Water and Other East European Essays* (1990). Baranczak hu ħu r-rumanzier Malgorzata Musierowicz, li jgħix fil-Polonja.



Il-kittieb Pollakk Stanislaw Baranczak.

## ISSIR IT-TIENI PARTI TAL-KONFERENZA VASSALLI

It-tieni sessjoni tal-konferenza dwar Vassalli, organizzata mill-Akkademja tal-Malti, saret nhar l-Erbgħa, 7 ta' Jannar. Din il-konferenza seħħet f'Dar l-Ewropa, fil-Belt. Tard dis-sena mbagħad se jiġu ppubblikati l-atti tal-konferenza. Konferenza bħal din kellha tinfirex fuq jumejn (l-ewwel sessjoni saret quddiem sala mimlija fit-3 ta' Diċembru 2014) minħabba l-ammont ta' riċerka ġdida fuq Vassalli. Din it-tieni parti tal-konferenza nfetħet minn Olvin Vella, President tal-Akkademja tal-Malti. Segwew bosta interventi: "Rifuġjati Politiċi Maltin f'Korsika" minn Ersilio Michel, bi traduzzjoni u qari ta' Dr Stefano Zammit; "Eugène Fenech, l-arkivju ta' Ajaccio u Vassalli" mill-Prof. Richard Spiteri; "Vassalli wiċċ imb wiċċ mal-kursara f'Korsika" minn Liam Gauci; "Vassalli f'Pariġi fl-1807: Kif kien jidher, fejn kien joqgħod" minn Dr Charles Xuereb; "Tnedija: Il-Prefazju Storiku tal-Milsen Feniċju-Puniku" mill-Prof. Horatio C. R. Vella; "A clue to Vassalli's destination after his 'escape' from Fort Ricasoli" minn Dr Albert Ganado; u "Titlu inqas fil-biblijografija ta' Vassalli" minn Dr Robert Thake. L-Għeluq kien f'idejn Victor Fenech, filwaqt li Rita Saliba mexxiet il-konferenza.



Waqt mit-tieni parti tal-Konferenza dwar Mikiel Anton Vassalli.

## LEJLA TA' ARTI, MUŻIKA U LETTERATURA FLIMKIEN MA' GĦAQDA KULTURALI MINN SQALLIJA

Nhar is-16 ta' Jannar PoeżijaPlus, f'kollaborazzjoni mar-*Writers Club* u t-Teatru Manoel, tellgħet Lejla ta' Arti, Mużika u Letteratura fit-*Theatre Studio* tat-Teatru Manoel. Waqt is-serata għadd ta' kittieba kellhom l-opportunità jaqraw ix-xogħlijiet tagħhom. Waqt l-istess avveniment ħadu sehem artisti Taljani (pitturi, mużiċisti, poeti, kantanti u kittieba), parti mill-assoċjazzjonijiet kulturali Artava u Falanthra. Din kienet okkażjoni oħra li wriet li l-arti hija lingwa universali li tgħin biex popli differenti joqorbu dejjem iktar lejn xulxin.

# l-aħbarijiet

### LAQGĦA GĦALL-AWTURI U L-PUBBLIKATURI

Nhar l-24 ta' Jannar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza laqgħa għall-awturi u l-pubblikaturi fil-Lukanda Excelsior (Sala Bellavanti). Dawk preżenti setgħu jsemmgħu l-ħsibijiet u s-suġġerimenti tagħhom dwar il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u anki dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

### TAĦDITA DWAR IR-RIKKEZZA TAD-DJALETTI

Nhar id-29 ta' Jannar l-Akkademja tal-Malti organizzat taħdita bl-isem ta' "Ir-Rikkezza tad-Djaletti" li saret mill-Prof. Albert Borg. Is-sit magħżul kien Dar l-Ewropa fil-Belt Valletta. Borg wera li mhux veru li d-djaletti Maltin jinvolvu sempliċiment il-pronunzja differenti ta' dak li nsejħulu "il-Malti Standard", imma anki differenzi ta' natura lessikali u grammatikali, bħall-varjetajiet fil-forma tal-kelma.

### IR-REBBIEĦA TAL-*COSTA BOOK AWARDS* 2014

Dan il-Premju jagħti ġieħ lil ftit minn dawk il-kotba li jkunu spikkaw matul is-sena miktubin minn kittieba bbażati fir-Renju Unit u fl-Irlanda. Hemm ħames kategoriji: l-Ewwel Rumanz, ir-Rumanz, il-Bijografija, il-Poeżija u l-Ktieb għat-Tfal. Wieħed mill-ħames rebbieħa mbagħad jintagħżel bħala l-Ktieb tas-Sena. Dan il-Premju twaqqaf fl-1971 bl-isem ta' *Whitbread Literary Awards*, biex fl-1985 sar il-*Whitbread Book Awards* u fl-2006 għadda f'idejn Costa. Iċ-ċerimonja li fiha jingħataw il-premjijiet issir f'Jannar f'Londra. Għas-sena 2014 r-rebbieħ tal-kategorija tal-Poeżija kien l-għalliem żagħżugħ tal-Ingliż Jonathan Edwards (minn Wales) bl-ewwel ġabra poetika tiegħu *My Family and Other Superheroes.* Il-kategorija tal-Ewwel Rumanz intrebħet minn Emma Healey b'*Elizabeth is Missing*, li hi storja dwar mara ta' 90 sena tbati mid-dimensja. Ali Smith rebaħ il-kategorija tar-Rumanz bix-xogħol *How to be Both*, xogħol dwar in-niket u l-esperjenza ta' meta toħloq u tapprezza l-arti. *H is for Hawk* ta' Helen Macdonald rebaħ il-kategorija tal-Bijografija. Hawn l-awtriċi, li tgħallem fl-Università ta' Cambridge, spjegat kif irnexxielha tirbaħ lin-niket li tnissel fiha minħabba l-mewt ta' missierha permezz tas-sena tal-falkunerija. Fl-aħħarnett il-kategorija tal-Ktieb għat-Tfal intrebħet minn Kate Saunders, kittieba u ġurnalista, bil-ktieb *Five Children on the Western Front*, tip ta' *sequel* għall-ktieb ta' E. Nesbit *Five Children and It* li kien ħareġ fl-1902. Kull wieħed minn dawn ir-rebbieħa ħa d-dar miegħu £5000. Intant, fis-27 ta' Jannar 2015 il-premju l-kbir ta' £30,000 (Costa Book Award) ingħata lil Helen Macdonald għall-ktieb *H is for Hawk.*




**Helena Macdonald, rebbieħa tal-*Costa Book Awards 2014***

### RUMANZIERA, POETI U VINJETTISTI JWIEĠBU GĦALL-ATTAKK FUQ *CHARLIE HEBDO*

Il-*Pen American Center,* li jassigura li n-nies ikollha l-libertà li toħloq il-letteratura u twassal ideat u tagħrif, wieġeb uffiċjalment għall-attakk fuq l-uffiċċji ta' *Charlie Hebdo* f'Pariġi fis-7 ta' Jannar li għadda li ħalla 12-il persuna mejta. Fi *press release* apposta ċ-ċentru ddikkjara li l-attakk fuq *Charlie Hebdo* hu attakk globali fuq il-libertà tal-espressjoni. Huwa attakk li pprova jitterrorrizza lill-artisti kollha kontra l-moviment ħieles tal-ideat. Il-koeżistenza paċifika fi ħdan komunitajiet diversi teħtieġ klima ta' tolleranza u t-tpartit ta' opinjonijiet differenti li jinkludi l-kritika, l-umoriżmu u l-iperbolija. Soċjetà ħielsa hija msejsa fuq id-dritt li wieħed jissatirizza, jistaqsi, jikxef, iwaqqa' għaċ-ċajt, anki jekk jista' joffendi lil xi wħud. Fost dawk li ffirmaw din id-dikjarazzjoni kien hemm Woody Allen, Orhan Pamuk, Salman Rushdie, Jennifer Egan u Simon Schama.

# l-intervista

## Gerald Bugeja




**Liema huma l-istudji li speċjalizzajt fihom, x'għallimt matul is-snin u kemm ilek tgħallem?**

Jiena speċjalizzajt fit-Taljan fl-Università ta' Malta u dik ta' Pisa. Għallimt it-Taljan f'livell ta' *Sixth Form* għal dawn l-aħħar erbgħin sena. Għallimt ukoll l-Istorja tal-Arti.

**Liema kittieba Maltin u barranin ġibdulek l-ikbar interess? Għaliex?**

Ġużè Aquilina, Dun Karm, Rużar Briffa, Ġużè Checuti, Trevor Zahra, Frans Sammut u Immanuel Mifsud.

Fost il-kittieba klassiċi Taljani jogħġbuni Dante, Leopardi u Manzoni, u fost dawk reċenti Ignazio Silone, Dacia Maraini u Andrea Camilleri.

**Kif torbot il-qasam tat-tagħlim ma' dak tar-riċerka?**

Ninteressa ruħi f'kitbiet bit-Taljan fuq Malta. Għandi studji varji: fuq poeżija tas-seklu sittax (*Invocazione di Malta*), *Le mie vicende* ta' Arturo Mercieca, *Naufragio di san Paolo* ta' Dun Karm, u l-poeżiji bit-Taljan ta' Anastasio Cuschieri. Għandi wkoll xi studji fuq l-arti.

**Fejn dehru l-istudji tiegħek? Liema kotba ppubblikajt? Liema hu l-iktar għal qalbek?**

L-istudji tiegħi dehru f'rivisti akkademiċi, bħal *Proceedings of History Week*, *Sacra Militia*, f'Atti ta' Kungressi (l'*AIPI*). Għal qalbi għandi *Invocazione di Malta* (2000), u traduzzjoni mil-Latin għall-Ingliż ta' kitba fuq l-Assedju l-Kbir ta' Pelusius. Għal qalbi għandi wkoll studju fuq il-*figura s-sewda* li tfaċċat wara restawr fil-Polittiku ta' San Pawl fl-Imdina, u studju fuq żewġ affreski f'Perugia fuq San Pawl ta' Leonardo Cungi, segwaċi ta' Michelangelo.

**Kemm għadu importanti l-istudju tat-Taljan hawn Malta llum? X'jista' jsir biex l-interess fit-Taljan jerġa' jieħu r-ruħ?**

Sfortunatament it-Taljan naqas l-interess fih. Però dan jien ma nifhmux għax kemm għall-motivi storiko-kulturali, u kemm għal dawk ġeografiċi t-Taljan għandu jkun lingwa li aħna għandna nikkoltivawha sew.

**Kemm huma importanti l-għarfien tal-ilsna u l-ivvjaġġjar għar-riċerkatur illum? Kemm japplikaw dawn fil-każ personali tiegħek?**

Huma importanti ħafna, speċjalment għax aħna gżira. Għar-riċerkatur huwa indispensabbli li jfittex f'bibljoteki fl-Ewropa, speċjalment fl-Italja, li magħha Malta kellha rabtiet mill-qrib. L-*Invocazione di Malta* li fuqha għamilt studju tinsab per eżempju ġol-bibljoteka Strahov fi Praga. Għall-ktieb *Un viaggio in Sicilia e a Malta* mort kemm-il darba Sqallija flimkien ma' Thomas Freller.

**Proġetti għall-ġejjieni?**

Bħalissa qed nipprepara ktieb fuq l-iskultur Antonio Sciortino. Qed inħejji wkoll studju fuq il-poeżiji bil-Latin ta' Giovanni Antonio Ciantar.

# reazzjonijiet

**Email mingħand Nazzarenu Zerafa, Ottubru 17, 2014.**

Għażiż Patrick,

Wara li qrajt il-ħarġa ta' *Il-Pont* t'Ottubru bqajt skantat kemm isiru attivitajiet letterarji f'Malta u kemm kittieba Maltin jieħdu sehem f'attivitajiet letterarji internazzjonali li wħud minnhom anke jsiru f'Malta. Dan għalija juri li f'Malta hemm interess letterarju b'saħħtu u dan ta' min jappezzah u jinkoraġġieh.

L-interess jidher ukoll mit-tieni anniversarju ta' minn meta bdejt toħroġ *Il-Pont* li kompla jinxtered u jinqara fost aktar Maltin li għandhom għal qalbhom l-imħabba għall-qari u l-ktieb u l-letteratura inġenerali u nixtieq li minn qiegħ qalbi nifraħlek għal din il-kisba u ninkoraġġik biex akkost tad-diffikultajiet kollha li tħabbat wiċċek magħhom, tibqa' sejjer 'il quddiem b'din il-ħidma fejjieda. Ħadt gost ukoll naqra l-kitba ta' Alfred Massa, "Il-Maternità f'Dun Karm", u bl-intervista interessanti ma' Manuel Casha li jixraqlu rikonoxximent li ta' studjuż li hu bid-daqq tal-kitarra u bil-melodiji mużikali tradizzjonali, żamm ħajja dil-parti tal-kultura folkloristika Maltija, ġewwa l-Awstralja. Min-naħa l-oħra, iddiżappuntajt ruħi meta qrajt fl-'Editorjal' li l-Għaqdiet tal-Malti m'għadhomx jingħaqdu unjoni biex jiċċelebraw formalment u kif jixraq lill-Poeta Nazzjonali, Dun Karm.

Ta' dan ma nagħti tort lil ħadd, għax naf u għaddejt minnu jien stess, li ċelebrazzjonijiet formali għandhom il-ħabta li jsiru ripetittivi, jiġifieri li jkunu kull sena l-istess u jsiru kull sena fuq l-istess format mill-istess nies. Għalhekk forsi wieħed irid iħares minn lat ġdid kif jiġi ċċelebrat Dun Karm f'Ottubru. Min jaf li kieku Dun Karm per eżempju jiġi ċċelebrat f'kull Ottubru b'poeżija differenti minn tiegħu. Ngħidu aħna, is-sena d-dieħla Dun Karm jiġi ċċelebrat bil-poeżija *Għaliex?*. Fl-opinjoni tiegħi, din il-poeżija hi l-iktar waħda li tiġbor fiha l-ikbar imħabba u apprezzament lejn l-Ilsien Malti. Jista', per eżempju, bl-għajnuna tal-Gvern, dil-poeżija tiġi stampata fuq karti żgħar jew fuq *bookmarks* li jiġu mqassma lil kull student/a f'kull skola, kulleġġ u fl-Univesità kif ukoll f'kull dar, f'kull belt u raħal u fi ħwienet kbar u f'bieb il-belt isir powster kbir tagħha. Imbagħad l-Għaqdiet tal-Malti jistgħu minn fuq il-mezzi tax-xandir u minn fuq il-midja ta' komunikazzjoni oħra jfissru x'inhu s-sinifikat ta' dil-poeżija u ta' min kitibha. Imbagħad is-sena ta' wara jsir l-istess bl-*Innu Malti*, jew bl-*Il-Għanja tar-Rebħa* jew bl-*Innu ta' Filgħodu*. Insomma dawn huma kollha poeżiji li jolqtu lill-poplu inġenerali u b'hekk jitkabbar, jitkattar u jiġġenera l-interess u mhux jibqa' biss bejn dawk li għandom interess letterarju.

Meta kont għadni daqsxjen ta' tifel u kont immur l-iskola primarja taż-Żurrieq, is-Surmast Francis Ebejer kien ħareġ bl-idea li kull filgħodu waqt l-*assembly* fil-bitħa jitkanta l-*Innu ta' Filghodu* mill-istudenti kollha miġbura flimkien. Il-lum, wara dawn is-snin kollha u eluf ta' mili 'l bogħod minn art twelidi, għadni sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, kif noħroġ mill-bieb ta' barra u nidħol fil-karozza u naqbad insuq lejn ix-xogħol, inkanta dal-innu. Dan hu l-ewwel ħsieb li jiġini f'moħħi u bih nibda kull jum ta' ħajti. Għadek ma tafx kemm hu talba sabiħa!

U b'dal-ħsieb inħallik il-lum, ħabib. Inselli għalik ħafna u mill-qalb nibgħatlek l-isbaħ xewqat.

Tislijiet,
Nazzarenu

**Email mingand Paul P. Borg, 2 ta' Settembru 2014**

Għażiż Patrick

Grazzi ta' *Il-Pont*. Jeħodlok ħafna xogħol imma issa drajt nistennieh! Qiegħed ngħaddilek poeżija li ktibt ma tantx ilu, jisimha *Il-Buffu*. Meta ktibtha ġiet qisha bla sens, imma xorta naħseb li fiha tikka sens! Jara min jaqraha. Nittama li togħġbok. [...]

Naqbel ma' ħafna punti li semmejt fl-editorjal; imma ma nafx lili tinżillix tajjeb li bħala kittieb inkun sikwit f'dawk l-ambjenti bħalma semmejt inti. Jiena ma nafx għaliex inħossni skomdu mhux ftit u fil-fatt nirrifjuta ħafna u ħafna talbiet li jsiruli sikwit biex immur issa hemm u issa hawn anki fuq televiżjonijiet. Ma nafx għaliex, il-kelma miktuba aktar tiġini sewwa waħda wara l-oħra imma l-kelma mitkellma ma tantx, aktar u aktar billi l-kitba kreattiva lili ddaħħalni bejni u bejn ruħi imma mbagħad ma nafx l-għax u l-għaliex tagħha. Inħossni skomdu mhux ftit nitkellem dwar dak li nkun ktibt jiena stess! Ħafna drabi lanqas inkun naf inwieġeb għaliex jiena stess – aħseb u ara ngħid dwaru lill-miġemgħa!

Punt ieħor li semmejt hu dwar kotba li jilħqu lill-qarrejja kollha, anki dawk li jaqraw kull ma jiġi u jfittxu l-livelli tagħhom biex imbagħad jaslu għal kitba aktar impenjattiva aktar tard. Bħala kittieb jiena l-ewwel wieħed li nammetti li fil-kitba tiegħi ma nafx inkun ħafif li jaqrani kulħadd! Biex tikteb għat-tfal u għaż-żgħażagħ irid ikollok xeħta ta' don ieħor. Hu x'inhu imma, hemm ħafna kitba llum, u hekk għandu jkun; hemm ħafna kotba, u hekk għandu jkun ukoll. Il-Malti jikber meta jintlaħaq minn ħafna u jużawh ħafna wkoll. Il-gwaj hu biss li ħafna jippruvaw jilħqu lil ħafna livelli u mmissu dak li semmejt inti stess – il-medjokrità [...]

*Il-Pont* jeħodlok ħafna xogħol! Imma naħseb li kiber sewwa. Preġju lilek li ttellgħu waħdek għax m'hemm xejn bħalu għall-Malti!

Ħu ħsieb saħħtek!
tislijiet
ppb

John Caruana




***BEJN ĦALTEJN BIEX TIFHEM AĦJAR*** **ta' John Caruana, BDL 2014.**

Isem John Caruana llum huwa sinonimu ma' pubblikazzjonijiet ta' għajnuna għal dawk l-istudenti li minn bosta snin ilu għażlu li jistudjaw il-Malti fis-livell ĊES jew għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja. Jiena niftakarni naqra l-kotba tiegħu mimlijin għajnuna siewja f'rabta mal-poeżiji tal-poeta Rużar Briffa u anki mal-antoloġija QAWSALLA li għal snin twal kienet parti mis-sillabu tal-Matrikola.

Issa qed naraw f'idejna pubblikazzjoni ġdida ta' dan l-għalliem li kien ilu jgħallem il-Malti u l-Ingliż fi skejjel sekondarji u post-sekondarji għal 35 sena sħaħ. Il-ktieb il-ġdid jismu *Bejn Ħaltejn – biex tifhem aħjar* u kif jgħid ismu jmur id f'id mat-test *Bejn Ħaltejn* maħruġ mill-Università ta' Malta u li huwa parti mis-sillabu attwali tal-Malti fil-livell ĊES. Dan il-ktieb ta' għajnuna ta' John Caruana jinqasam f'erba' taqsimiet ewlenin u jifrex fuq 120 paġna.

Fl-ewwel parti Caruana jagħtina kummenti ta' natura kritika – miktubin b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem bla problema ta' xejn - dwar l-14-il poeżija li niltaqgħu magħhom fl-ewwel taqsima tat-test *Bejn Ħaltejn*, mela poeżiji ta' poeti li jintrabtu mat-tradizzjoni Romantika bħal Dun Karm Psaila, Rużar Briffa, Anton Buttigieg, u Dwardu Cachia; poeti li ħarġu għad-dawl fis-snin sittin jew ftit qabel bħal patri Marjanu Vella, Mario Azzopardi, Rena Balzan, Ġorġ Borg, Victor Fenech, Achille Mizzi; u oħrajn li l-versi tagħhom bdew jidhru iktar tard bħal Maria Grech Ganado, Adrian Grima, Immanuel Mifsud u Trevor Żahra. F'kull kumment Caruana jikteb dwar il-ħsieb tal-poeżija ttrattata, ix-xbihat mħaddma u t-tifsiriet tagħhom; jagħtina tagħrif dwar il-metrika, il-prosodija u t-tonalità ta' kull xogħol letterarju, filwaqt li jistaqsi mistoqsijiet li l-poeżiji jistgħu jqajmu fil-qarrej jew jgħaddi riflessjonijiet differenti f'rabta ma' kull xogħol letterarju.

Fit-tieni parti mbagħad Caruana jagħtina kumment kritiku għall-10 kitbiet ta' proża li hemm f'*Bejn Ħaltejn*. Anki hawn għandna siltiet miktubin minn kittieba ta' ġenerazzjonijiet differenti bħal Oliver Friggieri, Joe Friggieri, Ġużè Ellul Mercer, Laurence Mizzi, Frans Sammut, Lino Spiteri, Vince Vella fuq naħa, u Clare Azzopardi u Pierre J. Mejlak fuq l-oħra, bl-eqdem kitba tkun *Ix-Xini Jimxi fl-Art* ta' patri Manwel Magri. Anki hawn Caruana jżewwaq il-kumment kritiku b'elementi differenti: ningħataw tagħrif dwar il-personaġġi u l-burdati tagħhom, l-atmosfera deskritta, it-tematika u l-kontenut f'kull kitba, x'tip ta' tmiem għandhom il-kitbiet differenti, għaliex l-użu tal-ewwel persuna f'xi siltiet u tekniki narrattivi oħrajn, it-tip ta' ġeneru li jitħaddem mill-awtur in kwistjoni, il-leħen tan-narratur, u l-bqija.

It-tielet taqsima hija ddedikata kompletament lir-rumanzett ta' Francis Ebejer, *Il-Ħarsa ta' Rużann*. Din it-tielet taqsima hija mqassma f'sitt partijiet. Fl-ewwel parti nsibu tabella li turina l-arblu tar-razza f'rabta mal-familja nobbli Spanjola de los Ingallos fir-rumanzett ta' Ebejer. Imbagħad isegwu ħames partijiet bl-isem ta' "Il-Ħarsa ta' Rużann" (b'tagħrif dwar il-ftuħ tar-rumanz), "Il-Ħarsa f'għajnejn Karmenu" (parti li tiftaħ bl-attakk fuq ir-razzett ta' Karmenu, iben Rużann), "Il-Ħarsa f'għajnejn Marija" (Marija hija l-protagonista ta' dan ir-rumanzett, li hi n-neputija ta' Rużann u bint Karmenu; f'din il-parti sseħħ l-emanċipazzjoni tal-

mara, kif jikteb Caruana stess), "Il-Ħarsa f'għajnejn Pietru" (li tintrabat ma' żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija u t-traġedja li ġabet magħha), u "Il-Ħarsa f'għajnejn Ġina" (f'Ġina tkompli l-influwenza tal-ħarsa ta' Rużann, jgħidilna Caruana).

Wara t-tielet taqsima wieħed isib 12-il mistoqsija-komponiment f'rabta mal-poeżiji u l-kitbiet ta' proża li jidhru fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*, minbarra r-rumanzett ta' Ebejer. Huma mistoqsijiet li faċilment jistgħu jservu ta' spunt għall-eżami taċ-ĊES.

Wara kull kumment għall-14-il poeżija, l-10 kitbiet ta' proża u l-ħames partijiet li jittrattaw ir-rumanzett ta' Francis Ebejer, John Caruana jinkludi wkoll sett ta' ħames mistoqsijiet biex jinvolvi direttament lill-qarrej-student u biex dan tal-aħħar jaċċerta ruħu li jkun fehem dejjem aħjar kemm is-silta oriġinali kif ukoll il-kumment kritiku ta' Caruana. Huma mistoqsijiet li jgħinu lill-qarrej jifli kull xogħol b'iżjed reqqa.

Fl-aħħar taqsima John Caruana nkluda wkoll lista ta' 63 terminu letterarju bażiku mill-a (l-aferesi) sal-w (il-vers wati), kull terminu b'definizzjoni qasira. Dawn huma importanti għall-istudent tal-Malti meta jiġi biex jikteb l-apprezzament kritiku letterarju tiegħu tal-poeżija jew tas-silta li jiltaqa' magħhom fl-eżami.

Nagħlaq bi kliem John Caruana stess fid-"Daħla": "Fil-kitba, għalkemm fil-wiċċ naqraw l-istess kliem, mhux ilkoll niġbdu l-istess konklużjonijiet, aktar u aktar jekk din il-kitba tkun kumplessa u mgħobbija b'terminoloġija tqila, xi drabi wkoll konfuża. Ħafna drabi għalhekk, ikun jeħtiġilna naqraw iżjed fil-fond u bejn il-vrus. Dak li qed nipprova jien huwa biss li niggwida 'l-qarrej lejn tifsiriet possibbli ta' ċerti kuntesti. Nieħu gost jekk l-interpretazzjoni li nagħti twassal lill-qarrej joħroġ b'tifsiriet oħra relatati. Dan huwa fil-fatt is-sabiħ fl-arti, li għandha l-ħila tispirana għal riflessjonijiet varji, għax kollox ma' kollox, kulħadd jinterpreta skont il-karattru, l-individwalità tiegħu."

John Caruana studja fl-Università ta' Malta fejn kiseb il-Baċellerat fl-Arti fil-Malti u fl-Ingliz (1971-1974). Huwa membru tal-Akkademja tal-Malti u minn żmien għal żmien iħobb jikteb f'ġurnali lokali artikli ta' natura ħafifa, filwaqt li għandu għal qalbu t-tpinġija bl-akwarell.

*Bejn Ħaltejn – biex tifhem aħjar* ta' John Caruana għandu jakkumpanja t-test oriġinali *Bejn Ħaltejn* fuq l-ixkaffa ta' kull student li se jpoġġi għall-eżami tal-Malti ĊES u li jixtieq jakkwista marka tajba tassew.

**Patrick Sammut**

**ŻEWĠ POEŻIJI TA' STANISLAW BARANCZAK:**

**THIS IS NOT A CONVERSATION FOR THE TELEPHONE**

Well let's assume it's yes, but this is not a conversation
for the telephone, you know, our ears
have vigilant listeners, so let's just prepare it in
a language foreign to them and us, and don't say "yes"
before you translate it;
well let's admit it's yes, but this is not
convenient for the moment, you know, our
walls have sensitive ears, so let's just preserve it
for later, keep it and don't say
"yes" before you wait it out;
well let's agree it's yes but this is not
a condition forever, you know,
our souls have thin walls, so let's just presume
it for today, for a while, and don't
say "yes" before you delete it;
well it must be no, but this
is not a conclusion for a real,
you know, our listeners have sensitive souls, so let's
pretend for now that we protest, and
don't say "no" before you apologize.

**Translated by Valeria Wasilewski.**
**(Din hi poeżija ta' Stanislaw Baranczak li dehret f'*The Paris Review* fir-rebbiegħa tal-1983.)**

**CURRICULUM VITAE**

My skills and accomplishments, unappreciated here:
my East European expertise in how to remain silent while [arrested or
how to fool the censor,
my repeated championship of my housing project in [standing in line
He closes by lamenting the time he spent mastering skills [best used in a land left behind.
I will never learn now, at my age and with my ingrained [habits,
the new ones that are more in demand here:
the art of an easy smile and unshaken belief
that you can be what want to be.

**(Minn *The Weight of the Body*)**

# fi tfulitna...

Lina Brockdorff

Kemm jidher imbiegħed żmien tfulitna mill-jiem tal-lum! Mhux biss għax għadda aktar minn nofs seklu, imma għax it-taqlib, bidliet u invenzjonijiet li saru f'dawn l-aħħar snin qalbu d-dinja ta' taħt fuq. Żgur li fl-ebda perjodu tal-istorja tal-bniedem ma saret bidla hekk mgħaġġla daqs f'dan l-aħħar seklu; u aktarx huwa minħabba f'hekk li dawk is-snin ta' tfulitna tant jidhru imbiegħda aktar milli fil-fatt huma.

Qatt jiġrilek li bla ma tkun qed tipprova taħseb jew tiftakar fuq żmien l-imgħoddi tiġi għal għarrieda f'rasek xi frażi li ilek ma tismagħha minn meta kont tfal, bla ma tifhem b'liema proċess mentali din reġgħet ħadet il-ħajja. Mela, xi ftit tal-iljieli ilu, meta stenbaħt u ma stajtx nerġa' norqod ġiet f'rasi din l-espressjoni: "seħer ta' bedudu jdur ma' jdejk!". Mid-dehra kienet espressjoni użata mit-tfal Maltin kollha għax issibha saħansitra fid-dizzjunarju ta' Aquilina, fejn jgħid li 'bedudu' aktarx hija kelma li ġejja minn 'dudu' u jsemmi eżattament kif konna nużawha aħna. Għalkemm hu jikteb li kienu jgħiduha l-kbar waqt il-logħob tal-karti. Fi tfuliti qatt ma lgħabt karti, aħna l-bniet, barra milli ngħaddu ż-żmien bil-pupi, konna nilagħbu l-aktar biż-żibeġ, waqt li s-subien bil-boċċi. Malli wieħed mill-lagħba jibda jirbaħ logħba wara l-oħra malajr iduru għalih l-oħrajn u waqt li jagħmlulu l-qrun b'idejhom it-tnejn erħilhom ikantawlu b'ħafna skossi għal bosta drabi f'kor "seħer ta' bedudu jdur ma' jdejk!" Dan suppost li kellu jibdel ix-xorti minn dak ir-rebbieħ u jdawwarha fuq it-telliefa. Ma niftakarx jekk din kienx ikollha riżultati jew le.

Kien hemm bosta logħob ieħor barra dawn li semmejna. Kien hemm il-passju, salt logħob ta' ġiri għas-subien waqt li għall-bniet ukoll kien hemm il-passju u qbiż bil-ħabel, logħob li fih ma jkunx hemm dik il-pika biex joħroġ rebbieħ wieħed u jirbaħ xi premju żgħir, jew minflok premju jkollu d-dritt li jibda jilgħab hu fil-logħba li jmiss; minħabba f'hekk ma konniex nużaw l-espressjoni li semmejna qabel.

Ma rridx ninsa nistqarr li l-ġenituri kienu jwissuna li 'bniet jilagħbu mal-bniet' u 'subien mas-subien' u fil-biċċa l-kbira konna nobdu dan il-kmand li għalkemm mhux imniżżel mal-għaxar kmandamenti ta' Mosè xorta kien jgħabbina bid-dmir li nobduh. Min jaf jekk b'xi mod, kellux x'jaqsam mas-sitt kmandament Mosaiku! Dan l-editt seta' jinkiser biss meta jiġu jżuruna zijiet b'salt kuġini kemm bniet u kemm subien, hemm stajna nilagħbu magħhom għax f'dak il-każ il-kuġini ma kinux subien 'psatas, goffi u jistgħu iweġġgħuna'!

Imbagħad ladarba tibda tqalleb il-folji tal-memorja malajr ħaġa tibda twasslek għall-oħra. Veru li konna nqattgħu nofs ħajjitna, meta ma nkunux l-iskola, barra t-triq. X'kien hemm isbaħ mit-triq! Ara taħseb li kienu bħal dawk tal-lum b'salt karozzi u trakkijiet ivenvnu u jgħaġġlu daqs ir-riħ! Xejn affattu. Ma kienx hawn karozzi, l-aktar li jista' jgħaddi xi żiemel, bagħal jew ħmar bil-karettun li fuq kollox kienu jiġu biex jaqdu l-bżonnijiet tan-nies ta' dik it-triq, allura jibda mis-sette matinati tal-ħalib bil-merħla mogħoż jiġru madwaru (għalkemm dan ma kienx jiġi b'karrettun), imbagħad jibdew jaslu tal-ħobż, tal-ħaxix, tal-ħut, tal-pitrolju, tal-merċa, tad-drappijiet u l-oħrajn kollha, fosthom dak li jsinn is-skieken u dak li jiġbor affarijiet qodma li ma kellekx aktar ħtieġa għalihom. F'kelma waħda, periklu wisq ma kienx hemm fit-triq għat-tfal.

Biex inkunu għedna kollox, lanqas ma kienu t-toroq indaf, sbieħ u lixxi bit-tarmak kif nafuhom illum, għax jekk ma tkunx għadha kif għaddiet il-bexxiexa kienu toroq mimlijin trab u ħmieġ tal-mogħoż u n-ngħaġ, tal-klieb, tal-ħmir u ż-żwiemel, flimkien tal-intiena u d-dbieben li jduru fuq il-ħmieġ.

X'jimporta! Xorta konna nippreferu noqogħdu barra milli ġewwa d-dar. Dan għax il-logħob l-aktar li jsir barra, u hemm fejn tiltaqa' ma' tfal oħra li bħalna kollha mlebilbin għal-logħob u għall-kumpanija ta' xulxin. Għal-logħob konna nħallu kollox, kemm jekk nafu li ser nirbħu u kemm jekk ser nitilfu, basta nilagħbu. Issa erħilu li naturalment kulħadd jifraħ meta jirbaħ u allura dejjem nispiċċaw inreddu "seħer ta' bedudu jdur ma' jdejk!"

Kemm hija differenti t-tfulija tal-lum!



# ktieb mill-qrib

Alfred Grech




**PETALI F'WIĊĊ L-ILMA ta' Alfred Grech**

'Il-Poeżija għixtha ħajti kollha iżda llum qed niktibha'! U tassew hekk għax f'temp ta' ftit xhur dan il-poeta minn Ta' Kerċem, l-avukat Alfred Grech qed jagħtina t-tieni antoloġija ta' poeżiji tiegħu li huwa għoġbu jlaqqam *Petali f'wiċċ l-ilma.* Il-poeta nduna li fil-mogħdija mqallba u ħafna drabi mnikkta tal-ħajja, huwa kien qed jgħix il-Poeżija u llum qed jiddistilla l-esperjenza ta' ħajtu fuq il-karta stampata. Il-poeta jistqarr li l-Poeżija toħroġ waħidha mingħajr it-tqanżiħ, mingħajr skużi jew apoloġiji. Hija l-istqarrija tal-fidi tiegħu, l-istqarrija tal-verità kif jafha hu, kif fehemha hu u kif qed jaraha mill-angolu jew mil-lenti mnejn qed iħares. Alfred Grech jikteb il-Poeżija għaliex iħoss li ma hix xi ħaġa ta' kuljum għalkemm aktarx li jħossha kuljum, għaliex jisthoqqilha li tibqa' mfakkra, għax mhix frivola, għaliex titla' u togħla 'l fuq minn dak li hu mistenni jew mit-tbassir ta' kuljum. Għandha mis-sorpriża, taf toħroġ barra miż-żmien u l-ispazju, u tilħaq l-infinit, tilħaq l-etern, hi, li fit-tkasbir twieldet u ssawret. Parti minn dil-verità nsibuha f'silta mill-poeżija tiegħu *Din l-għanja li ngħannilek mhix tas-soltu*:

*Din l-għanja li xtaqt ngħanni baqgħet siekta*
*Għal ħafna snin, u dan mhux biex niftaħar,*
*Għax karta ma kellix fuqiex inħażżeż*
*U hekk ħallejtha tgħum fuq wiċċ il-baħar.*

*U jista' jkun ukoll li jien imdawwar,*
*Min min mhuwiex qed jagħraf dar-rigali,*
*Minn min qed jakkużani u jidħak bija,*
*Jew qiegħed ngħix fi żmien ta' bla sinjali.*

Fid-Daħla li għamel għal dan it-tieni ktieb tiegħu, l-avukat Alfred Grech jagħti elf definizzjoni ta' x'jifhem bil-kelma 'Poeżija'. Huwa jsostni li l-Poeżija hija l-ilsien tar-ruħ, il-lingwaġġ li bih titkellem filwaqt li tiskappa mir-rutina ta' kuljum, mill-medjokrità ta' dak li jissejjaħ 'normali', mir-ripetizzjoni li tissejjaħ stabiltà u mill-madmad ta' serħan il-moħħ. Il-Poeżija tistaqsi, qatt ma hi bi kwieta u ma taċċettax dak li hu apparenti, dak li għal kulħadd jgħaddi, għax kulħadd hekk qed jagħmel. Il-Poeżija tirrifletti l-univers kaotiku li fih qed ngħixu, li fl-estremitajiet tiegħu, iżda, jaf joħroġ is-sabiħ, l-ordni. Fil-Poeżija joħroġ il-kuntrast, il-kuntradizzjoni li hu l-istess bniedem, kif ukoll il-mistoqsija, li hija l-mistoqsija tal-ħajja. Il-Poeżija, jissokta jgħidilna l-awtur, hija talba ta' ruħ li qiegħda tfittex lil seħbitha. Hija toħloq mill-ġdid dak li diġà jeżisti u tagħtih isem ġdid jew isem ieħor; tagħtih lewn isbaħ milli għandu u issa sar jingħaraf. Il-Poeżija hija filosofija u l-poeta u l-filosofu għandhom minn ta' xulxin. Il-Poeżija hija taħdita b'ritmu mhux tas-soltu, għanja waqt taħdita, u taħdita waqt l-għana, hija għanja mingħajr mużika.

Il-Professur Oliver Friggieri jirrimarka li din it-tieni antoloġija ta' Alfred Grech tingħaqad minnha nnifisha max-xogħlijiet l-oħra tal-poeta u tixhed li hemm unità kemm tematika u kemm formali, b'mod li l-poeżiji varji jintisġu flimkien bħala element ta' opra waħda. Din hi kwalità meħtieġa ħafna biex fl-aħħar mill-aħħar turi li l-versi ta' Alfred Grech huma l-prodott ta' maturità fil-ħsieb (bħala memorja u immaġinazzjoni) daqskemm huma r-riżultat ta' maturità fit-tħaddim tal-kelma. U allura bl-istess prodezza tematika u maturità teknika, Dr Alfred Grech jissokta hawnhekk ukoll fil-vjaġġ liriku tiegħu,

**[jissokta f'paġna 11]**

immexxi minn punti ta' riferiment li huma tassew stabbli; l-għarfien tiegħu nnifsu, ir-relazzjoni intensa mal-ambjent, ir-rakkontar tal-ħajja bħala suġġett ta' riflessjoni mnissla mill-kweżiti li ġġib magħha l-esperjenza. Huwa dejjem il-poeta tal-kuntest li jinsab fih, bix-xejriet kollettivi daqskemm individwali tiegħu, imma fil-fehma ta' Profs Friggieri, huwa wkoll l-għannej tat-tiġrib personali, tiġrib li fl-immaġinattiva tal-poeta, isir spunt għal meditazzjonijiet li issa jiksbu rilevanza wisq usa' milli qatt kellhom bħala paġni minn eżistenza ta' għadd ta' snin u ċirkustanzi.

U biex inżid norbot ma' dak li qed jgħid dan il-kritiku letterarju u fl-istess ħin intemm dan l-apprezzament tiegħi, se nislet parti mill-poeżija *Jien nista' nistaqsik*:

*Jien nista' nistaqsik għal kemm-il darba*
*Filwaqt li ġewwa moħħi bdiet taħdita;*
*Ma niftakarx x'kont liebsa meta ltqajna*
*Xufftejk niftakar iebsa daqs ħadida.*

*Jien nista' nkun xi ħadd li qed jittama,*
*U nerġa' nistaqsik għal kemm-il darba,*
*U nfittex ħalli nilmaħ dawl inemnem,*
*Mit-toqol ta' dal-jum jien naħrab ħarba.*

*Jien nista' ma nemminx 'mma lilek nemmnek*
*U għalhekk qed nistaqsik fejn inti qiegħda,*
*Kull xħin id-dlam tal-lejl hu fl-aqwa tiegħu,*
*Idejja mmattar nara intix imbiegħda.*

L-antoloġija *Petali f'wiċċ l-ilma* hija stampata għand l-A&M Printing Ltd. tal-Qala u għandha disinn tal-qoxra ta' George Mario Attard, b'dedika lill-ġenituri tal-poeta b'ħajr lil Dun George Mercieca u Josette Pace. Nemmen li l-kotba tal-Poeżija qatt ma kellhom suq tajjeb u bosta drabi l-awtur jispiċċa jitlef il-flus; il-poplu tagħna nieqes mill-kultura tal-qari u hemm bżonn li lil uliedna nħajruhom jaqraw u jiffrekwentaw il-librerija. Imma minn tassew għandu għal qalbu d-dinja tal-Muża m'għandux joqgħod lura milli jikseb kopja ta' *Petali f'wiċċ l-ilma* għax żgur ma jiddispjaċihx jaqra l-ħsus u l-ħsebijiet ta' dal-poeta li deher fix-xena letterarja minn xi ftit tas-snin 'l hawn; ngħid għalija jien dejjem niftakru mgħaddas fil-kotba tal-Liġi u tiela' u nieżel il-Qorti. Tgħid illum x'jippreferi?! Jittanta lill-Muża jew jiddefendi xi proxxmu?! Jiena naħseb li rnexxa fit-tnejn.

**[Kitba tal-Kav Joe M Attard, Victoria Għawdex]**

**TISLIMA LIL DUN GEORGE MERCIECA:**

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Jannar, tħabbret il-mewt ta' Dun George Mercieca tar-Rabat Għawdex. Huwa twieled f'din il-Belt fis-7 ta' Settembru tal-1944, studja l-Filosofija fil-Liceo Classico, San Gregorio ta' Katanja, u t-Teoloġija fl-INSERM, il-Ħamrun. Sar saċerdot fl-1974 u kompla l-istudji tiegħu fl-Università Pontificia Salesiana f'Ruma (UPS), mnejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija (STL) fl-1976. Għallem it-Teoloġija Dommatika fl-INSERM, fejn għal sentejn kien Dekan tal-fakultà.

Dun George Mercieca kien kittieb u poeta, għallem it-Taljan, il-Malti u r-Reliġjon fl-iskejjel tas-Salesjani f'Malta u barra minn Malta u anki fl-iskejjel tal-Gvern. Kien membru tal-Akkademja tal-Malti, tal-Għaqda Letterarja Maltija, tal-Għaqda Poeti Maltin u P.R.O. tal-Għaqda Ġurnalisti Għawdxin. Fost il-kotba ta' poeżija li ppubblika: *L-Għid tal-Imwiet* (1968), *Il-Ħajja* (1969), *Is-Sebħ* (1971), *San Ġorġ Martri* (1971) *Il-Bniedem Misteru* (1972), *Il-Festa ta' Santa Marija* (1972) u *L-Għanja taċ-Ċinju* (2006). Kiteb ukoll bosta innijiet għal diversi baned ta' Malta u Għawdex. Kien ukoll kappillan tal-Kavallieri ta' Malta (O.S.J.)

Fl-2009 jiena kont għamilt intervista lil Dun George Mercieca: wieħed jista' jaqraha billi jagħfas il-ħolqa http://patrickjsammut.blogspot.com/search?q=George+Mercieca Aktar tagħrif dwaru jista' jinqara fil-ktieb tal-Kav. Joe M. Attard, *Profili ta' Kittieba Għawdxin* (KKM, 2014, pp. 206-211).

Agħtih Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



**Dun George Mercieca.**

# il-poeżija bħala protesta

*Wara l-qtil barbaru tal-ġurnalisti ta'* Charlie Hebdo *u oħrajn f'Pariġi, nhar is-7 ta' Jannar 2015, IL-PONT jippreżenta erba' poeżija kontra t-terroriżmu u favur il-paċi fost il-popli differenti.*

**ALLA HU AKBAR**

Ħadd ma jista' b'għerfu jgħodd is-sħab u jġib
xita qliel. Alla Hu Akbar mis-smewwiet!
Hu biss imħabba u dija tal-istagħġib.

Hu ħsieb pervers, qarrieq, għawli u korrott,
li Alla Hu Akbar jissarraf f'imwiet,
ċarċir ta' dmija, li l-ħajja b'każbra jħott.

F'ħinu jasal jum il-qerda tan-nirien,
Alla Hu Akbar jaf mnejn beraq u ragħad.
Mad-daqq tal-aħħar buq jasal il-qawmien.

Hu biss ħażż u qiegħed tal-art is-sisien,
qejjes u għalaq il-baħar bil-bibien.

**RAYMOND GRECH**

**XTERED ID-DEMM F'PARIĠI**

Xtered id-demm f'Pariġi,
twettqu delitti ħorox,
instemgħet tniġġes l-arja
l-għajta tat-terroristi mxajtna.
O Alla Kbir, b'rigal Int ħloqt il-ħajja,
tħallix lil min ikasbar Ismek
waqt li b'arma jeqridha!

**JOHN MALLIA**

**KELMA WAĦDA BISS**

Kelma waħda biss,
li biha nistgħu nibnu dinja ġdida,
mill-qiegħ nett,
mill-pedament.

Kelma waħda biss,
gomma li biha nħassru
kull xorta ta' għelt,
kull ħalfa ta' vendetta,
kull nitfa ħsieb malinn,
kull ħjiena.

Kelma waħda biss,
xuga li biha nixxuttaw,
il-qiegħa minn kull qatra,
ta' dmija,
id-dmugħ minn fuq l-uċuħ,
mifnija.

Kelma waħda biss,
li ma tingħadx bil-fomm,
imma bil-qalb.
Kelma waħda biss,
"Naħfirlek"

**CHARLES MIFSUD**

**TERRORIŻMU**

Tista' tidrob mingħajr arma
tista' tidrob biss bil-kliem,
iżda l-weġgħa tinħass aktar
meta tittradixxi s-sliem.

Tista' ddawwar kull tingiża,
tista tfejjaq il-weġgħat,
ma nħallux li t-terroriżmu
isir akbar tal-Istat.

Għax il-pendlu għandu ħabta
illi jmur fl-estremità,
tal-ħarsien isib l-iskuża
tbati biss l-umanità.

**ALFRED GRECH**



**CHILDREN ARE STARS OF PEACE**

Dear children, you were born with loving hearts
And in them star seeds of peace.
You are the future, you are life
You do not want to die in wars
Like some of your fathers and mothers

Smart children, you will send your star beams of
[peace
Through your smart phones and computers
All over the battling Middle East
And all over our global village

Your rapid lasers will bring us
What we failed to bring you -
A world where not one gun is fired
To kill fathers, mothers and children -
A world where each child is a star of peace
Well fed and smiling at life!

**ADA AHARONI**
***L-Iżrael***

**FUQ ĠISMEK JINTILFU**

Fuq ġismek jintilfu
elf kewkba bla tebgħa
bħal xemx li trid tinżel
fil-baħar tinħeba.

Fis-skiet ta'dil-ħmura
ta' xefaq jinħema
kull ħsieb jibda jbegħren
u qatt ma jinstema'.

Ta' qamar jistenna
tiġih għad is-siegħa
jitwebbel jintelaq
jintasab fuq qiegħa.

Ta' xemx qiegħda tibki
bħal ruħ li trid tħalli
warajha 'l min tafu
kull jum bla ma tfalli.

Dal moħħ li qed jgħejja
bħal balzmu tinżillu
fi ħdan l-ispettaklu
mas-sejħa tal-grillu.

Fi ħdan bews il-baħar
jintelaq mal-mewġa,
tbissima fuq wiċċi
xħin tmelles il-fewġa.

**ALFRED GRECH**

**B'DEDIKA LIS-SENA 2014**

Għaddiet tmiem din is-sena
u se tidħol oħra ġdida.
Iż-żmien mexxej firidhom
biex twarrbet m'din it-taqbida.

Kull għodwa ħalliet nota
miktuba f'kalendarju,
pitazz ossija karta
b'ritmu tassew varju.

Xwejjaħ, bil-kemm stqarrli
mgħobbi sew biż-żmien
ta' spiss memorji jfakkru
l-imgħoddi dak li kien.

U tfajjel b'tajra f'idu
jipprova jerfa' 'l fuq,
bħal prezz li jitla' u jinżel
li jisbaħ pront fis-suq.

U daħlet għodwa oħra
mnejn kien sema' l-qanpiena,
kompla stqarr ix-xwejjaħ
b'ħajtu x'aktarx fi tmiemha.

U erġajt ilmaħt it-tfajjel
ikebbeb mar-rukkell
bit-tajra ġo nofs l-għalqa
u hu telaq għad-dell.

U għaddiet oħra, kif sibtha
qisu ma kien xejn
bil-ħajja tkompli miexja
nistaqsi dlonk, Għalfejn?

**CARMNU CARUANA**

**OĦROĠ JA XEMX SĦUNA**

Ara: nixfet in-nixxiegħa,
mietet l-għanja –
safa s-skiet.
Ksieħ il-għera kessaħ qalbi
xħin fis-sħab iswed fuqan
ix-xemx inħbiet.

Fil-quċċata tal-muntanja
hemm is-silġ –
is-silġ bajdan.
Fittex oħroġ ja xemx sħuna;
fittex oħroġ
ħa ssaħħanli qalbi kiesħa –
ħajti rieżħa
bews is-sħana biss tixtieq.

Fittex oħroġ xemx ħanina –
ħoll is-silġ fuq il-quċċata
ħalli jnixxi l-ilma safi
u jasalli bil-gelgul,
biex dlonk terġa'
tan-nixxiegħa
l-għanja żżurni filgħaxija
ħalli norqod raqda hienja,
noħlom bl-ilma w mewġ is-sbul.

Biegħed minni ħolm id-diqa,
fuq il-lejl żommni rebbieħ,
imbagħ'd għada
minn ferħ fommi
għanja ġdida ttir mar-riħ!

**FRANK ZAMMIT**
**(Minn *Trifolju ta' Lwien*, ġabra ta' poeżiji ta' Mario Attard, Patrick Sammut u Frank Zammit, 2014)**

**DAKINHAR – TIBQA' TĦOBBNI?**

Dakinhar,
li l-aħħar tentufiet ta' xagħri jaqgħu,
jintilfu mal-oħrajn l'għosfru mas-snin –
tibqa' tħobbni?

Dakinhar,
li ħarsti titlef  mil-leħħa għarriexa
u d-dehra tiċċajpar u tgħib fix-xejn –
tibqa' tħobbni?

Dakinhar,
li l-ħakma t'idi terħini mis-saħħa
u l-qabda tibda tirtogħod mad-driegħ tiegħek –
tibqa' tħobbni?

Dakinhar,
li riġli jogħtor mill-mixi għaġġiel
u spalltek tkun il-wens waħdieni tiegħi –
tibqa' tħobbni?

Dakinhar,
li jeħfief moħħi u r-raġuni tgħib
u ma nagħarfikx quddiem għajnejja aktar –
tibqa' tħobbni?

Dakinhar,
li ma nibqax nintagħraf miż-żagħżugħ
ta' darba mimli ħeġġa, mimli ħajja –
tibqa' tħobbni?

Għax jien ... nibqa'!

**SALV SAMMUT**

**NEVICA**

Fiocchi grandi come
la mia gioia
o la mia noia,
fuori.
Nevica nella penombra confortevole
del mio essere
mentre fuori urlano oscure torme
senza Dio.
Bambagia di felicità
sui palazzi e sugli alberi;
turbinio nel cielo che non si vede,
lievi moti di parole come onde
dall'asfalto attutito,
nel silenzio impietrito.
Fiocchi di un mattino qualunque,
di vita breve,
che si rimpiazzano l'un l'altro,
da acque celesti segrete
a rive profonde e ignote.
Fiumi di fiocchi che giungono e partono
dal nostro cuore
inondato di speranze.

**ALBERTO FIGLIOLIA**
**(Minn *Poesie scelte*, Albalibri, 2010)**

# minn fuq l-ixkaffa




***L-AVVENTURI TA' STILTON GĦAT-TFAL*** **(maqlubin għall-Malti minn Charles Briffa), Miller Distributors, 2014.**

L-istejjer meraviljużi ta' Geronimo Stilton huma kollha kotba tat-tfal *best-sellers* fid-dinja kollha: sensiela ta' avventuri ta' dan il-karattru grazzjuż ippubblikati minn Edizioni Piemme ta' Milan. L-idea oriġinali ta' dawn l-avventuri kienet ta' Elisabetta Dami, imma s-sensiela tikkredita lill-karattru ewlieni bħala l-awtur tagħha. Sitta minn dawn il-kotba issa nqalbu għall-Malti minn Charles Briffa. Il-kotba huma maħsubin għall-qarrejja ż-żgħar ta' bejn is-6 snin u t-12-il sena, u t-traduttur ipprova kemm seta' jżomm il-Malti għal-livell ta' din it-taqsima ta' etajiet. Is-sitt kotba huma *Is-Saħta tal-Piramida tal-Ġobon*, *Qattus u Ġurdien mal-Ħares Flimkien*, *Il-Pil Tiegħi Nħobbu Wisq!*, *Erbat Iġrieden fil-Qalba tal-Ġungla*, *Aħrab 'l Hemm Ja Wiċċ ta' Ċedar Mgħaffeġ* u *It-Tempju tar-Rubin tan-Nar*. Dawn il-kotba huma mżewqin bi stampi kkuluriti mill-isbaħ.




***MINN FOMM IL-KITTIEB - L-EWWEL VOLUM*** **ta' Patrick Sammut, Horizons, 2014.**

F'dan l-ewwel volum il-qarrej jiltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' 52 kittieb u poeta Malti, parti kbira minnhom għadhom jiktbu fil-preżent. Kif bdew jiktbu? Fejn għexu fl-imgħoddi, x'jiftakru minn dan, x'ħalla l-ikbar marka fuqhom, u fejn jgħixu llum? Min huma dawk il-kittieba li qed jiktbu lil hinn minn xtutna? Liema huma l-ħwejjeġ li jispirawhom biex jiktbu? X'jagħmlu bħala xogħol u kif jgħaddu l-ħin ħieles tagħhom? X'jaħsbu dwar kwistjonijiet kontemporanji partikolari? L-intervistatur fi djalogu informali mal-intervistat jikxef dan kollu. L-intervistatur wiċċ imb wiċċ ma' kittieba stabbiliti u oħrajn inqas magħrufin, kittieba żgħażagħ, oħrajn li m'għadhomx magħna. *Minn Fomm il-Kittieb - Volum 1* għandu daħla mill-pinna ta' Tarcisio Zarb u jinkludi fih ritratti ta' għadd ta' poeżiji miktubin bl-id minn numru ta' kittieba intervistati.




***OSTAĠĠ TAT-TIELET REICH*** **ta' Fey von Hasell, tradott minn Tony C. Cutajar, Horizons, 2014.**

Din hija storja li turi l-kuraġġ ta' omm maqbuda min-Nazi u li damet ix-xhur tfittex 'l uliedha żgħar. Hija kienet bint l-ambaxxatur Ġermaniż fl-Italja, li kien imdaħħal fil-konfoffa biex jinqatel Hitler. Huwa ġie xkubettjat, u għalkemm Fey ma kellha x'taqsam xejn mal-konfoffa, kienet arrestata mill-SS u ttieħdet Innsbruck flimkien maż-żewġ uliedha żgħar. Hemmhekk iż-żewġ subien ittieħdu minn djul ommhom u ma dehrux iżjed. Kien ħafna wara li sar magħruf li t-tfal bdew jissejħu l-aħwa Vorhof u kienu qed jiġu mħarrġa f'istitut Nazista fin-Nofsinhar tal-Awstrija. Hija tirrakkonta storja tal-biża' ta' kif kienet taħdem il-magna tal-mewt burokratika tal-SS. L-istorja kultant tkun ħelwa, kultant kommoventi, u dejjem turi li l-kuraġġ ta' din l-omm jagħmilha mara kbira ħafna. Kif salvat u rnexxielha ssib lil uliedha tagħmel din ġrajja eċċezzjonali.

# minn fuq l-ixkaffa




***TRIFOLJU TA' LWIEN*** **ta' Mario Attard, Patrick Sammut u Frank Zammit, 2014.**

Minn kliem il-kittieb u poeta Alfred Massa: "Il-Ġabra għammduha *Trifolju ta' Lwien*; u tabilħaqq hekk hi. Trifolju għax hawn il-qarrej isib versi (71 b'kollox) ta' tliet poeti u lwien għat-tiżwiqa ħelwa ta' temi u stili li tawna Attard, Sammut u Zammit, temi li wara kollox jitfgħu dawl fuq il-poeżija lokali kontemporanja [...] *Trifolju Ta' Lwien* għandu preżentazzjoni differenti mill-kotba li aħna mdorrijin bihom, iżda xorta waħda hu ktieb attraenti. Il-qarrej isib bijografija dettaljata ta' kull poeta u Studju kritiku mill-Professur Oliver Friggieri li jqis lil dawn it-tliet poeti bħala "interpreti tar-realtà bejn tmiem is-seklu għoxrin u s-seklu l-ġdid." Għalkemm kull poeta jittratta temi differenti minn sħabu, iżda l-qarrej żgur li jintebaħ illi l-poeżija moderna resqet pass sewwa lejn dik prożajka; tant li kważi, l-prosodija tilfet għal kollox is-siwi tagħha."




***IN HER ELEMENT*** **ta' Therese Pace, Faraxa Publications, 2014.**

Fl-2003 Therese Pace rebħet il-Premju Letterarju (Kategorija Poeżija) bil-ġabra poetika tagħha *Arpeġġi*. Hija tikteb bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan u ġiet ippremjata bosta drabi għal kitbietha kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta. *In Her Element* huwa ġabra ta' 60 poeżija bl-Ingliż fejn il-poetessa tittratta t-tibdil fiċ-ċirkustanzi fil-ħajja tal-bniedem modern bi fluwidità ta' kittieba tas-sengħa. Pace tħaddem il-qawwa tal-kelma biex twassal għajn bla tarf ta' espressjoni u emozzjonijiet. Hemm min sejjaħ lil Therese Pace "an artisan of the word, a craftswoman, a wordsmith," proprju għax f'dawn il-poeżiji tippreżenta kliem li jmur lil hinn minn kulma jista' jingħad jew jinftiehem, u li jiġġenera eku li jibqa' jidwi fil-qalb, fil-moħħ u fir-ruħ tal-qarrej. Fost it-temi li naqraw dwarhom hemm l-imħabba, il-poetika, il-mara, l-għerf, u l-ilsien Malti. Dan kollu twasslu permezz ta' numru ta' mekkaniżmi poetiċi bħalma huma l-metafora umanizzatriċi u konkretistika, is-sinestezija, is-similitudnijiet, l-ironija, l-onomatopea, l-alliterazzjonijiet, ir-rimi ġewwiena u ħafna iktar.




***IL-MALTI - RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI*, Ħarġa LXXXVI, 2014**

Iktar milli rivista, IL-MALTI sar jieħu l-għamla ta' ktieb li joħroġ regolarment mill-Akkademja tal-Malti. Dan in-numru jiġbor fih kitbiet ta' natura letterarja u huwa ddedikat lill-kittieb Kelinu Vella Haber li għex bejn l-1913 u l-2014. Ix-xogħlijiet jinqasmu fi tliet taqsimiet: Poeżiji (19-il poeta); Proża (9 kittieba); u Traduzzjonijiet. F'din l-aħħar taqsima wieħed isib xogħlijiet maqluba għall-Malti ta' Guy de Maupassant, Francis Ebejer, William Shakespeare u Niżar Qabbani. It-tradutturi huma Toni Aquilina, Steve Borg, Oliver Friggieri u Kevin Saliba. Fl-Editorjal Achille Mizzi jfakkar fil-motto tal-Akkademja tal-Malti, li hu *Lingua Concordia Domi Forisque Decor* ("Il-Kelma tal-għaqda fil-ħajja privata u pubblika hija l-ġieħ tagħna"). Ifakkar ukoll fl-għanjiet tal-Akkademja, fosthom "li taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti, l-Ilsien Nazzjonali tagħna, fl-oqsma kollha tal-ħajja." Dan tagħmlu permezz ta' laqgħat ta' natura letterarja u akkademika matul is-sena u anki permezz ta' IL-MALTI. Dan l-Għadd LXXXVI huwa xiehda oħra tal-qadi tad-dmir tal-Akkademja li tippubblika kull sena l-organu uffiċjali.